**17 ta' Marzu, 1958**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Dr. A. J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

Alice Cassar Torreggiani

*versus*

Albert R. Manchè

**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

**Bejgħ — Vizzji tal-Kunsens — Qerq — Nullità — Art. 1023 u 1266 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Skond il-liġi, il-qerq, "dolus", huwa vizzju tal-kunsens; u meta jiġi pruvat, jagħti lok għall-annullament tal-kuntratt. L-għemil doluż huwa motiv ta' nullità tal-ftehim, meta l-inganni magħmulin minn waħda mill-partijiet ikunu tali illi mingħajrhom il-parti l-oħra ma kienetx tikkuntratta. U għalhekk jeħtieġ illi l-inganni jkunu l-kawża determinanti li tat lok għall-ftehim li għaqqad in-negozju.*

*Ċertament, għal dan l-iskop l-inganni jridu jkunu ta' natura li jistgħu jagħmlu impressjoni fuq bniedem sensat, u tali li jeċċedu l-limiti tal-furber'ja tollerata fin-negozju; għalhekk wieħed ma jistgħax, fil-konsiderazzjoni tagħhom, jipprexxindi mill-kondizzjoni personali tal-partijiet; u fil-valutaz-*

*zjoni tagħhom huwa meħtieġ li wieħed jara ċ-ċirkustanzi kollha li fihom ġie konkjuż in-negozju. Mill-banda l-oħra, sakemm ma jkunx hemm dolo fil-veru sens, jew frode, is-sempliċi tifħir tal-oġġett u l-eżaġerazzjoni tal-valur intrinseku tiegħu, weħedhom, ordinarjament mhumiex ħlief is-solita xorta ta' inkoraġġiment li fin-negozju huwa tollerat bħala "dolus bonus", biex dak li jkun jkompli jsaħħaħ il-volontà tal-parti l-oħra biex tikkonkludi l-ftehim.*

*Trattandosi ta' bejgħ ta' oġġett sekonda man, il-fatt li l-venditur jgħid lix-xerrej li l-oġġett kien swielu aktar milli kien swielu fl-fatt, u li dak l-oġġett sar jiswa aktar, bħala ġdid, milli fil-fatt kien jiswa, huwa ċertament ingann; imma dan l-ingann waħdu ma hux biżżejjed biex iġib l-annullament tal-bejgħ. Jekk, però, ma' dan l-ingann jiżdied ieħor, konsistenti filli l-venditur jgħid lix-xerrej li huwa kien xtara l-oġġett tal-bejgħ bħala ġdid fjammant ftit xhur qabel, mentri fil-fatt dak l-oġġett kien ilu għandu b'kiri għal ħafna żmien, u xtraħ biss, bħala sekonda man, meta kien ilu jużah għal dak iż-żmien kollu, allura l-ingann huwa tali li jilleġittima r-riżoluzzjoni tal-bejgħ minħabba qerq tal-parti l-oħra u vizzju tal-kunsens tal-parti li akkwistat l-oġġett.*

*Huwa veru li l-kumpratur seta' jagħmel l-indaġinijiet opportuni biex jitkixxef jekk dak li qallu l-venditur fuq il-prezz u l-età tal-oġġett kienx minnu; imma jekk iċ-ċirkustanzi huma tali li x-xerrej ma kellux raġunijiet biex jiddubita mill-assikurazzjonijiet tal-venditur, l-ingann jibqa' li kien il-kawża determinanti tal-bejgħ, u kwindi huwa motiv ta' annullament tal-bejgħ ta' dak l-oġġett.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li biha l-attriċi, wara li ppremettiet li l-attriċi kienet xtrat minn għand il-konvenut pjanu tad-ditta "Knight" bil-prezz ta' £150, u dan wara li ġiet assikurata mill-konvenut illi l-pjanu in kwistjoni kien ġie minnu akkwistat bħala "brand new" bil-prezz ta' £177; u illi in segwitu l-attriċi ġiet taf illi l-imsemmi pjanu "Knight" kien ġie mid-ditta "Nani", fit-23 ta' Diċembru 1948, mikri lill-konvenut; u illi dan in segwitu xtraħ bil-prezz ta' £125 fil-15 ta' Jannar 1951, ċjoè wara li kien ġa kkuntratta mal-attriċi fuq

il-bejgħ ta' dan il-pjanu u wara li kien ġa ħa £100 akkont tal-prezz; u illi l-konvenut, biex jinduċi l-attriċi sabiex tixtri dan il-pjani, għamlilha diversi dikjarazzjonijiet inveridiċi oltre dik fuq imsemmija, fosthom dik illi l-attriċi kienet sejra tagħmel "bargain", billi l-pjanijiet tad-ditta "Knight" bħal dak li xtrat l-attriċi saru jiswew iżjed minn £190; u illi, minħabba dawn ir-raġġiri u dikjarazzjonijiet inveridiċi, magħmula mill-konvenut, il-kunsens tal-attriċi ġie vizzjat, kif kellu jiġi kollox pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża; talbet (1) li minn din il-Qorti jiġi annullat il-bejgħ ta' dan il-pjanu minħabba dawn ir-raġġiri u dikjarazzjonijiet inverdiċi magħmula minnu waqt it-trattativi li kellu mal-attriċi għax-xiri ta' dan il-pjanu; (2) konsegwentement jiġi kundannat jirrestitwixxi lill-attriċi s-somma ta' £100 li kienet ġiet lilu konsenjata akkont tal-bejgħ ta' dan il-pjanu. Bil-lukri legali mill-ġurnata tan-notifika ta' dak l-att, u bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-7 ta' Novembru 1957, li biha dik il-Qorti ċaħdet it-talbiet tal-attriċi, bl-ispejjeż; billi kkunsidrat;

Illi l-azzjoni esperita mill-attriċi hija dik kontemplata fl-art. 1266 tal-Kodiċi Ċivili, għar-rexissjoni tal-kuntratt tal-bejgħ tal-pjanu minħabba l-għemil doluż tal-konvenut. Issa, skond l-art. 1024(1) tal-istess Kodiċi, "l-għemil doluż huwa motiv ta' nullità tal-ftehim meta l-inganni magħmula minn waħda mill-partijiet ikunu tali illi mingħajrhom il-parti l-oħra ma kienetx tikkuntratta". Dawn l-inganni, skond l-att taċ-ċitazzjoni, jikkonsistu f'diversi fatti u dikjarazzjonijiet inveridiċi magħmula mill-konvenut, illi, għall-kjarezza tal-espożizzjoni, hu xieraq li jiġu eżaminati separatament;

Illi l-ewwel ingann jikkonsisti, skond l-attriċi, filli l-konvenut, meta begħelha l-pjanu, dan ma kienx proprjetà tiegħu. Apparti l-konsiderazzjoni li l-attriċi mhix qegħedha titlob in-nullità tal-bejgħ in forza tal-art. 1422 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tosserva illi l-provi prodotti mill-attriċi mhu-

miex suffiċjenti biex isostnu din il-pretensjoni tagħha. Difatti, l-attriċi fix-xhieda tagħha . . . . ;

Illi skond l-art. 1024(2) tal-Kodiċi Ċivili, "l-għemil doluż ma jistgħax ikun preżunt, imma għandu jiġi pruvat"; u billi l-piż tal-prova jinkombi lil min jallega dak l-għemil, jiġifieri lill-attriċi, hija dik li għandha d-dmir iġġib provi adegwati u konvinċenti; u fin-nuqqas, jew anki f'każ ta' dubju, il-pretensjoni tagħha għandha tiġi respinta;

Illi ingann ieħor, skond l-attriċi, jikkonsisti filli l-konvenut qalilha li l-pjanu kien akkwistah bil-prezz ta' £177, mentri ħallas tiegħu lid-ditta "Nani" £125. Anki hawn il-provi tal-attriċi mhumiex adegwati. Irriżulta, infatti, illi l-konvenut . . . . . Wara kollox, l-isproporzjon bejn il-prezz u l-valur tal-ħaġa, fiha nnfisha, ma tikkostitwix raġġir skond il-liġi (Kollez. XXIV-II-578);

Illi ingann ieħor, kif tippretendi l-attriċi, jikkonsisti filli l-konvenut qalilha li bl-akkwist li kienet sejra tagħmel kienet sejra tagħmel "bargain", għaliex pjanijiet simili kienu saru jiswew £190. Anki f'dan ir-rigward il-provi huma insuffiċjenti. Il-konvenut xehed . . . . ;

Illi ingann ieħor, skond l-attriċi, jikkonsisti filli l-konvenut qalilha li l-pjanu kien ilu għandu tmien xhur biss, mentri dan ma kienx minnu. Hawn ta' min josserva illi l-attriċi tippretendi li ġiet ingannata billi l-konvenut qalilha li l-pjanu kien xtraħ tmien xhur qabel. Din iċ-ċirkustanza tax-xiri tinsab negata mill-konvenut fix-xhieda tiegħu, u ta' min jagħmel riferenza għall-konsiderazzjonijiet ġa fuq esposti. Kwantu għaż-żmien, il-konvenut ripetutament assikura bil-ġurament illi huwa uża l-pjanu għal tmien xhur biss, jiġifieri minn Diċembru 1948 sa Awissu 1949, peress li mbagħad huwa kellu pjanu ieħor tad-ditta "Lucia", u baqa' jħallas il-kera lid-ditta "Nani" għaliex kien fi ħsiebu jagħtieh lill-waħda mit-tfal tiegħu. Veru illi, skond ix-xhieda ta' Joseph Lucia (fol. 64 tergo), id-ditta "Lucia" kienet silfet lill-konvenut pjanu marka "Carlton" f'Awissu 1950, iżda, apparti li mhux ċar min bejn iż-żewġ xhieda kien eżatt,

anki kieku l-iżball fl-indikazzjoni taż-żmien ħadu l-konvenut (kif jidher minn dak li xeħed, jiġifieri li dak is-self ma kienx jiftakar meta kien — fol. 58 tergo), huwa magħruf illi żball ma jikkostitwix għemil doluż. Difatti, wieħed mir-rekwiżiti tar-raġġir, anzi dak li jikkaratterizzah, hija l-intenzjoni u l-volontà diretta f'min jagħmlu li jikkaġuna ħsara lill-kontraent l-ieħor. Jgħid Touillier:— "Ciò che caratterizza il dolo è l'intenzione . . . ciò che lo distingue dalla colpa — 'Dolus, cum adest laedendi animus; culpa, factum inconsultum quo alteri nocetur' " (Diritto Civile, Vol. III, para. 89 u nota in calce 3). Anzi, skond l-insenjament ta' Giorgi, "non basta la coscienza di nuocere, si richiede la volontà diretta a nuocere. E qui si riscontra una differenza capitalisima fra dolo in senso lato, cioè a dire la mala fede . . . . ed il dolo nel ristretto significato, in cui dobbiamo occuparcene adesso. Si può infatti, senza intenzione positiva concepire mala fede senza intenzione positiva di nuocere; ma non si può concepire l'inganno o raggiro senza pravo fine di recar nocumento" (Obbligazioni, Vol. IV, no. 95). Dan r-rifless joħroġ anki mill-lokuzzjoni tal-istess liġi; l-għaliex, kif josserva Demolombe, "l'articolo 1115 (korrispondenti għall-art. 1024 tal-Kodiċi Malti) non riconosce il dolo che nei raggiri praticati da un contraente per determinare l'altro a contrattare" (Diritto Civile, XXIV, para. 170). Konsegwentement, id-dolo mhux purament oġġettiv u reali ("re ipsa"), iżda soġġettiv u fl-intenzjoni ta' min jadoperah" (v. Giorgi, Op. ċit., para. 96; u Demolombe, Op. u loc. ċit.);

Illi. ladarba ma ġietx pruvata fil-konvenut l-intenzjoni doluża dwar iż-żmien in kwistjoni, ma jistgħax jingħad li din iċ-ċirkustanza tikkostitwixxi l-ingann kif trid il-liġi. Barra minn dan, kien fil-possibbiltà tal-attriċi li tivverifika, per mezz ta' min jifhem, iż-żmien li kien ilu wżat il-pjanu; hija ħasset li għandha tagħmel dan, iżda, kif xehdet, stħat teħodlu lil xi ħadd biex jarah (fol. 26); u allura, jekk l-iżball fiha prodott mill-assikurazzjoni tal-konvenut kien il-kaġun li ġiegħelha tixtri l-pjanu, dan l-iżball ma kienx invinċibbli, u l-liġi ma tagħtiehx protezzjoni (Kollez. XXIX-II-832);

Illi, mbagħad, huwa prinċipju illi r-raġġiri, biex jannullaw il-kuntratt, iridu jkunu gravi u tali li jneħħu f'min jikkuntratta l-konsapevolezza, il-libertà u l-indipendenza tal-kunsens (Fadda, Giurisp. Cod. Civ. Ital., art. 1115, paragrafi 48 u 92); u kif esprimiet ruħha din il-Qorti, fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza taljana, "il raggiro dev'essere capace di allontanare la ragione e sopraffare la volontà" (Kollez XXIV-II-578); u għalhekk l-iskaltrezza ta' waħda mill-partijiet u l-imperizja, l-ispensjeratezza jew il-kredulità tal-parti l-oħra, mhumiex biżżejjed biex il-ftehim jiġi annullat (Kollez. XXIX-II-832). L-istabilità tal-kuntratti, mbagħad, hija konsiderazzjoni oħra illi timponi lill-ġudikant l-akbar ċirkospezzjoni fl-eżami tal-fatti li fuqhom tkun bażata l-azzjoni tar-rexissjoni;

Illi, fil-fehma tal-Qorti, l-attriċi ma rnexxilhiex tipprova, skond il-liġi, għemil doluż fil-konvenut. Anzi hija stess ippruvat li l-konvenut, qabel il-bejgħ, uriha l-pjanu fil-preżenza ta' Victor Peralta, li fetħu u ġiegħel lill-bintu ddoqqulha; u avvolja l-attriċi qaltlu li ma tifhemx, urietu però li għoġobha; u saħansitra, meta hija ssuspettat li l-pjanu ma kienx tal-konvenut, u dan staqsiha jekk il-pjanu riedetux, għax inkella jagħtieh lill-bintu Charlotte, l-attriċi insistiet li tridu, u b'hekk uriet li l-volontà tagħha kienet libera u li l-kunsens tagħha ma kienx, kif qegħedha tallega fiċ-ċitazzjoni, vizzjat;

Rat in-nota tal-appell tal-attriċi, li biha din appellat mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-7 ta' Novembru 1957 fuq imsemmija;

Rat il-petizzjoni tal-attriċi appellanti, li talbet ir-revoka tas-sentenza appellata fuq imsemmija u l-laqgħa tat-talbiet tagħha; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi mill-kumpless tal-provi rriżulta li l-konvenut, b'inizjativa tiegħu nnifsu, u b'insistenza, ħajjar u webbel

lill-attriċi tixtri l-pjanu in kwistjoni, u li l-attriċi xtratu bil-prezz ta' £150, li minnhom ħallset lill-konvenut, b'cheque, £100 akkont, dak inhar stess tal-ftehim fuq il-bejgħ. L-attriċi xehdet li ġiet imwebbla tixtrieh minħabba l-assikurazzjonijiet tal-konvenut li l-pjanu kien ilu għandu tmien xhur biss, u li kien akkwistah ġdid fjammant ("Brand new") bil-prezz ta' £177; u li l-istess attriċi assikurat illi, kieku ma kienx għal dawk l-assikurazzjonijiet, hija ma kienetx tixtri dak il-pjanu, u illi xtratu għax ġiet imqarqa mill-konvenut;

Skond il-liġi, il-qerq — "dolus" — huwa vizzju tal-kunsens; u meta jiġi pruvat, jagħti lok għan-annullament tal-kuntratt. L-art. 1024 tal-Kodiċi Ċivili jgħid li "l-għemil doluż huwa motiv ta' nullità tal-ftehim, meta l-inganni magħmulin minn waħda mill-partijiet ikunu tali illi mingħajrhom il-parti l-oħra ma kienetx tikkuntratta". Jeħtieġ, għalhekk, illi l-inganni jkunu l-kawża determinanti li tat lok għall-ftehim li għaqqad in-negozju — "dolus dans causam contractui" (Lomonaco, Delle Obbligazioni, Volume I, paġina 163);

Ċertament, għal dan l-iskop l-inganni jridu jkunu ta' natura li jistgħu jagħmlu mpressjoni fuq bniedem sensat, u tali li jeċċedu l-limiti tal-furberija tollerata fin-negozju. Wieħed għalhekk ma jistgħax, fil-konsiderazzjoni tagħhom, jipprexxindi mill-kondizzjoni personali tal-partijiet (Giorgi, Delle Obbligazioni, Volume IV, no. 97(b), u 99). Iżda fil-valutazzjoni tagħhom huwa meħtieġ li wieħed jara ċ-ċirkustanzi kollha li fihom ġie konkjuż in-negozju; għax kif jesprimi ruħu l-Voet, id-dolo, "cum in mente resideat, non allunde rectius quam ex qualitate acti aestimari, adeoque ex circumstantiis colligi, rescriptum est" (Ad Pandectas, Lib. IV, Tit. II, n. 2). Mill-banda l-oħra, sakemm ma jkunx hemm dolo fil-veru sens, jew frode, is-sempliċi tifħir tal-oġġett u l-eżaġerazzjoni tal-valur intrinseku tal-oġġett, weħedhom, ordinarjament mhumiex ħlief is-solita xorta ta' inkoraġġjament li fin-negozju huwa tollerat bħala "dolus bonus", biex dak li jkun ikompli jsaħħaħ il-volontà tal-parti l-oħra biex tikkonkludi l-ftehim. Fuq dan il-ġurisprudenza hija unanimi u kostanti;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi rriżulta li l-pjanu ngħoġob lill-attriċi, tant għal dak li kien daqs u kondizzjoni, kemm ukoll għal dak li kien ton u tjubija bħala strument, għalkemm hija qalet kandidament li f'dan ma kienetx tifhem. Fuq dan ma kienx hemm qerq. Iżda, fuq kemm kien qadim bħala oġġett ta' sekonda man, u fuq kemm kien sewa oriġinarjament, il-provi juru li l-konvenut ma qalilhiex is-sewwa. Huwa qalilha li l-pjanu kien xtrah £177, fil-waqt li dak il-mument il-pjanu kien għandu b'kiri u kien għadu lanqas xtrah u hu kien jaf li sidu, Maestro Nani, kien qiegħed jitlob tiegħu £130 biss, għax kien sekonda man (dok. fol. 30), u li ġdid kien jiswa £160 (Dep. Nani fol. 40 wara). Intant, meta fil-ġranet wara l-konklużjoni tal-ftehim mal-attriċi, il-konvenut mar xtara l-pjanu, fil-15 ta' Jannar 1951, huwa xtrah bil-prezz ta' £125 (fol. 41 wara). B'dana kollu, il-konvenut assikura lill-attriċi li dawk ix-xorta ta' pjanijiet kienu saru jiswew £190 (dok. fol. 13). Ċertament, ma kellux raġun il-konvenut jgħodd mal-prezz tax-xiri l-ammont li kien ħallas tal-kera tal-pjanu kemm dan dam għandu b'kera; għax dak l-ammont ma kienx għall-akkwist, iżda għas-sempliċi dgawdija tal-pjanu b'kera, u kien jikkorrispondi wkoll għad-deprezzament tal-pjanu;

Dana x-xorta ta' ngann, waħdu, ma kienx ikun biżżejjed biex iġib l-annullament tal-ftehim. Iżda miegħu rriżulta li kien hemm ingann ieħor rigwardanti kemm kien qadim il-pjanu. L-età tal-pjanu sekonda man tikkostitwixxi waħda mill-kwalitajiet tal-oġġetti tal-bejgħ; u jekk għax-xerrej dik il-kwalità hija determinanti, l-ingann fuq dik il-kwalità jkun kawża determinanti tal-kuntratt, u, meta jiġi pruvat, jagħti lok għall-annullament tax-xiri;

Irriżulta li x-xiri defintiv sar fl-10 ta' Jannar 1951, meta l-attriċi ħallset b'cheque £100 akkont lill-konvenut, wara li insistentement il-konvenut kien assikuraha li l-pjanu kien akkwistah ġdid fjamant tmien xhur qabel (dep. attriċi fol. 21, u dep Xuereb, fol. 76). Apparti l-fatt li, kuntrarjament għad-dikjarazzjoni tiegħu. lill-attriċi fol.. 26 wara), dak il-mument il-pjanu kien

għadu ma xtraħx minn għand id-ditta "Nani", għax il-konvenut xtraħ fil-15 ta' Jannar 1951 (dep. Nani fol. 36 et seq. u dok. fol. 15 u 16), irriżulta li l-pjanu kien ilu għand il-konvenut b'kiri mit-23 ta' Diċembru 1948 (ibid.); u matul dak iż-żmien il-pjanu kien jiġi użat (dep. konvenut fol. 49), għax il-konvenut għamel żmien ma kellux għajru. U tabil-ħaqq, il-pjanu l-ieħor li l-konvenut semma li kellu, kien dak li l-konvenut issellef minn għand id-ditta "Lucia" f'Awissu 1950, u wara dak il-konvenut xtara ieħor minn għand l-istess ditta f'Diċembru 1950; u għalhekk, sa Awissu 1950 il-konvenut f'daru ma kellux fuqhiex idoqq ħlief il-pjanu in kwistjoni. Immela ma kienx veru li l-konvenut kien ak-kwista l-pjanu ġdid fjamant tmien xhur qabel, iżda kien ilu għandu aktar minn sentejn b'kiri; u fil-fatti, meta xtraħ effettivament, xtraħ mhux ġdid fjamant, iżda sekonda man, wara użu ta' fuq is-sentejn. Huwa naturali, u kom-prensibbli li l-attriċi ma kienetx sejra tixtri b'£150 pjanu sekonda man li kien ilu jiġi wżat fuq is-sentejn; u xtratu għax fuq dal-pont u fuq dik il-kwalità mifthema, li għaliha kienet importanti, ġiet ingannata mill-konvenut, li ried jagħmel negozju ta' qliegħ minn fuqha;

Ikkunsidrat;

Illi huwa veru li l-attriċi setgħet tagħmel indaġini fuq il-prezz u l-età tal-pjanu, billi titkixxef minn għand id-ditta importatriċi ta' dawk il-pjanijiet; iżda l-attriċi ma kellhiex raġun tiddubita mill-assikurazzjonijiet tal-konvenut, speċ-jalment meta assikuraha li ma riedx jidħaq biha x'ħin qal-tlu li kienet semgħet minn għand Maestro Azzopardi li l-pjanu ma kienx tiegħu (fol. 26 wara). U tabilħaqq, il-kon-venut kien bniedem magħruf bħala persuna ta' ċerta pożiz-zjoni, u l-attriċi kellha fiduċja fih; u kienet preċiżament dik il-fiduċja u l-pożizzjoni soċjali tal-konvenut li kkontribwew biex irnexxa l-ingann. Mingħajr dak l-ingann l-attriċi ma kienetx tasal biex tiddeċidi li tixtri dak il-pjanu, meta b'£10 iżjed milli ftehmet mal-konvenut setgħet tixtri pjanu ġdid fjamant minn għand id-ditta mportatriċi;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tilqa' l-appell, tirre-voka s-sentenza appellata, u tilqa' t-talbiet tal-attriċi; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut.